**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 33 – 1 ta' Gunju 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 33. Il-laqgha bdiet fis-6.45 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda rapprezentant tal-pubbliku prezenti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' agenda 31 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' agenda 31 jigu approvati hekk kif prezentati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Joe Ciantar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

.

Il-Minuti ta' Agenda 31 gew approvati. (44)

1.3. Il-Kunsillier Duncan Bartolo kellu johrog mill-kamra fis-6.50 ta' filghaxija peress li kien qed jistenna telefonata dwar kif ghadda missieru.

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' agenda 32 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' agenda 32 jigu approvati hekk kif prezentati. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Dominic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

.

1.6. Il-Minuti ta' Agenda 32 gew approvati. (45)

1.7. Il-Kunsillier Bartolo dahal ghal-laqgha fis-6.55 ta' filghaxija.

1.8. Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lis-Sindku li kellu appuntament fis-7.30 ta' filghaxija u ghalhekk xtaq javza li jekk il-laqgha ddum iktar minn dan il-hin kien se jitlob biex jigi skuzat.

**2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI**

2.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghall-inizjattiva li se jiehu l-Kunsill f' okkazjoni tal-anniversarju mill-mewt ta' Dun Karm u pprezenta lill-Kunsill *file* b' artikli minn diversi gazzetti relatati ma' attivita' li kienet saret mill-kunsill civiku. Huwa pprezenta dawn l-artikli lis-segretarju sabiex jaghmel kopji taghhom.

2.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal talba sabiex titnehha *sleeping policeman* fi Triq San Rokku. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar wiegeb li din l-*sleeping policeman* kienet tnehhiet.

2.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal punt 2.8 tal-minuti ta' Agenda 31 dwar hajt fi Triq Lorenzo Gafa u qal li fil-passat kienet tradizzjoni li l-Kunsill jaghmel upgrades ta' hitan bhal dawn permezz ta' *murals*.

2.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-Kunsill li z-zjara organizzata mill-kumitat tieghu marret tajjeb u n-nies hadu gost. Is-Sindku Alfred Grixti kkonferma li l-Kunsill ircieva *feedback* tajba minghand in-nies. Il-Kunsillier Ciantar spjega li kien provda rendikont finanzjarju tal-harga fejn il-Kunsill ma nefaq xejn izjed minn dak li kien ippjanat anzi kien ghad fadal xi flus. Il-Kunsillier Ciantar ipprezenta xi materjal promozzjonali u turistiku li l-grupp kien inghata Ghawdex kif ukoll midalja li giet ipprezentata mis-Sindku taz-Zebbug Ghawdex. Fost l-affarijiet li pprezenta l-Kunsillier Ciantar kien hemm l-ghazziela li kienet tifkira tradizzjonali tal-post. Il-Kunsillier Ciantar talab li jinghata refund ghal min kien qata' l-biljett izda ma giex ghal-harga.

2.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-kunsill li rcieva xi materjal informattiv minghand id-dipartiment ghal kura tal-anjani u kien qieghed jipproponi li jingiebu iktar minn dawn il-fuljetti sabiex jitqassmu fil-laqghat tal-anzjani. Huwa kompla jghid li rcieva stedina minghand is-segretarju permanenti peress li l-kapella ta' St. Vincenz de Paule kienet se taghlaq 50 sena.

2.6.1. Il-Kunsillier Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li l-progett tal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh kien wasal fi tmiemu u l-applikazzjoni ghall-progett giet sottomessa. Il-Kunsillier Bartolo qal li gie mistoqsi mill-partecipanti kienx hemm il-hsieb li jkomplu jiltaqaw u huwa spjega li kellu pjan sabiex jibqa jaghmel dan. Il-Kunsillier Bartolo talab li l-partecipanti jinghataw certifikat minn naha tal-Kunsill.

2.6.2. Is-Sindku Alfred Grixti ppropona li ssir ikla ghal partecipanti bhala sinjal ta' rikonoxximent. Kien hemm qbil li ssir attivita bhala ringrazzjament ghal dawn iz-zghazagh.

2.6.3. Il-Kunsillier Duncan Bartolo spjega lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet kienu ser jergaw jifthu f' Novembru.

2.6.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li l-Kunsilliera jkunu jistaw isegwu laqgha formali tal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh.

2.7. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li gie avvicinat minn Anna Maria Grech li hija Youth Worker Coordinator rigward skema organizzat mill-ETC permezz tal-fond socjali ewropew sabiex din l-iskema tinghata

promozzjoni fil-lokalita. Is-Sindku spjega li huwa kien tal-idea li jmur oltre minn hekk u jorganizza *job fair*. Huwa talab lill-Kunsillier Bartolo jiehu hsieb din l-inizjattiva.

2.8. Il-Kunsillier George Cortis irringrazzja lis-Sindku tal-bnadar li saru barra mill-Kunsill. Is-Sindku spjega li dawn saru mill-haddiema tal-IPSL assenjati ma' l-Kunsill.

2.9.1. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsill li gie avvicinat mis-sinjura Janet Hili li tablet li tkun taf jekk il-kunsill kienx se jkompli ghaddej bis-sapport tieghu lejn l-ghaqda tal-genituri bi tfal b' diffikultajiet fit-tghallim.

2.9.2. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar spjega li bhala rapprezentant tal-Kunsill fuq din l-ghaqda huwa kien ha hsieb li xi xhur qabel jibghat email lis-sinjura Hili fejn talabha nformazzjoni dwar meta kienu se jibdew is-sett il-gdid tal-korsijiet izda din ma kienitx irrispondietu. Il-Vici Sindku spjega li huwa ma qaghadx jistenna lilha u qabad u ha l-inizjattiva hu li jikkuntatjaha.

2.9.3. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun jaf jekk kienx hemm xi flus jew pagamenti li kien ghadhom pendenti. Il-Vici Sindku wiegeb li kollox gie mhallas u sabiex jibdew dawn il-korsijiet il-Kunsill kien qieghed jistenna li bhal kull sena jigi pprezentat program tal-laqghat u wara dan jitressaq fil-kunsill sabiex ikun hemm approvazzjoni tal-iffinanzjar taghhom.

2.9.4. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li ma setax jifhem kif il-presidenta ta' din l-ghaqda rriferiet ghal kunsillier iehor meta diga hemm rapprezentant tal-Kunsill fil-kumitat tal-ghaqda.

2.9.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li tigi cirkolata kopja tal-email li kien baghat il-Vici Sindku. Il-Kunsilliera Ciantar u Said ikkummentaw li jkun tajjeb li l-Kunsill jaghmel evalwazzjoni ta' dawn il-korsijiet.

2.9.6. Is-Sindku Alfred Grixti kkumenta li l-presidenta tal-ghaqda Janet Hili kienet bghatitlu email fejn uriet dizappunt ghal fatt li ma gewx mitluba jarmaw fl-attivita tan-NightFest. Is-Sindku spjega li ghal din l-attivita l-ghaqdiet kollha li avvicinaw il-Kunsill inghatat lilhom l-opportunita li jippartecipaw u zgur li l-kunsill qatt ma' ghalaq il-bibien tieghu lil din ghaqda. Is-Sindku ghamel referenza ghal ghajnuna li nghatat lil din l-ghaqda tas-servizz li provdiet fil-Gimgha l-Kbira. Is-Sindku kompla jghid li ghalkemm il-kunsill jirikonoxxi s-sehem importanti li taghti din l-ghaqda, dawn ma kienux wahdihom.

2.9.7. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li fil-kunsill qatt ma gie diskuss l-iffinanzjar ta' dawn il-korsijiet. Il-Vici Sindku spjega li dan is-suggett kien jigi diskuss ta' kull sena u dan l-iffinanzjar dejjem jigi approvat mill-kunsill. Il-Kunsillier George Cortis qabel mal-Vici Sindku u qal ukoll li huwa kien issekonda l-mozzjoni ghal-ahhar sett ta' laqghat.

2.10. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jigi skuzat. Huwa telaq fis-7.25 ta' filghaxija.

2.11. Il-Kunsillier George Cortis ressaq quddiem il-Kunsill proposta sabiex il-Kunsill jarma stand fl-Imnarja bhalma jaghmlu kunsilli lokali ohrajn. Il-Kunsillier Cortis spjega li huwa avvicina persuna li tista' tarma stand b' karettuni u affarijiet tradizzjonali. Huwa kompla jghid li l-Kunsill irid jarma tabella bl-isem u l-arma tal-kunsill flimkien ma' bandiera. Il-Kunsillier Cortis spjega li l-prezz ghal dan l-armar huwa normalment ta' madwar €1,000. Kien hemm diskussjoni dwar il-prezz u kien hemm qbil li l-Kunsill jinnegozja dan il-prezz u ma jonfoqx iktar minn €700.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressqet l-ebda korrispondenza ghad-diskussjoni tal-kunsill.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-vot tal-flus ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 33** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 05/2010 | 30/05/10 | 7,667.53 | Gbir ta' Skart Mejju 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 667 | 30/05/10 | 3,688.17 | Knis Mejju 2010 |
| Roccu Mifsud | 61 | 28/05/10 | 886.66 | Public Conveniences Mejju 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 25/05/10 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Mejju 2010 |
| Philip Seguna | n/a | 25/05/10 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Mejju 2010 |
| Micamed Ltd | 420-433 | various | 2,051.48 | Street Lighting Maintenance |
| Best Print | 6722 | 05/05/10 | 304.50 | Fuljett |
| Med Design | 30003525 | 18/02/10 | 5,569.55 | Architect Fees |
| Raymond Calleja | various | various | 6,636.72 | patching works and pavements |
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **30,217.09** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| Malta Information Technology Agency | various | various | 1,784.71 | Network maintenance and support |
| M&E Management Group | 2742, 2738 | 08/05/10 | 6,157.01 | NightFest organizer* |
| SG solutions | various | various | 143.49 | Photocopier lease |
| Melita plc | various | various | 201.95 | Internet service council & library |
| Guard & Warden Service House | 1985 | 30/04/10 | 95.04 | Hire of warden |
| Guard & Warden Service House | 1996 | 30/04/10 | 916.05 | CCTV pjazza April 2010 |
| Guard & Warden Service House | 1994 | 30/04/10 | 3,160.76 | Speed Camera April 2010 |
| WasteServ Malta Ltd | 61006 | 19/04/10 | 5,619.85 | Tipping Fees March 2010 |
| Billboard Advertising Ltd | 2778 | 06/05/10 | 1,144.60 | Billboards NightFest |
| Joe Bonnici & Sons | 4928 | 10/05/10 | 216.53 | Hire of Mobile Toilets Night Fest |
| Print Care Press | 71-10 | 07/05/10 | 2,400.00 | Printing services NightFest |
| Pierre Portelli | n/a | May 2010 | 1,550.00 | Designer services Night Fest |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Allied Newspapers | ASI393789 | 06/05/10 | 1,059.29 | Newspaper adverts NightFest |
| Pointer Pet Shop & Pet Care | various | various | 124.89 | Meterjal & Ikel ghal Guva gnien l-Infetti |
| Ta' Xmun Ironmongery | 302 - 308 | 13/05/10 | 1,242.24 | Ironmongery items |
| Coleiro Genral Supplies | 217007 | 12/05/10 | 168.03 | Paint supplies |
| Executive Booking Office | n/a | 08/05/10 | 95.50 | Park & Ride services & transport NightFest |
| Ufficju Parrokjali | n/a | 22/05/10 | 100.00 | Uzu ta' Villa San Filep - Book Launch |
| Ufficju Parrokjali | n/a | 01/04/10 | 100.00 | Uzu ta' Sala Dun Mikiel Xerri - laqgha anzjani |
| E. Theuma & Company Ltd | 20040 | 13/04/10 | 240.72 | Bnadar zjara tal-Papa |
| Pers Electronics | 240520103 | 24/05/10 | 110.92 | Computer repair |
| Clever Solutions Ltd | 80390, 80389 | various | 1,857.91 | Office software, licence, installation, training, data entry |
| Office Solutions | 680 | 18/05/10 | 58.81 | Office stationery |
| Mark Gauci Piscopo | 18 | 13/05/10 | 23.60 | Electrician Works |
| Patrick Vella | n/a | 13/05/10 | 250.00 | Presenter, Commentator, Re-enactor NightFest |
| La Barbone | 5 049 839 | 20/05/10 | 108.00 | Catering Laqgha Anzjani Mejju |
| La Barbone | 5 049 979 | 22/04/10 | 99.00 | Catering Laqgha Anzjani April |
| Rita Calleja | n/a | 20/05/10 | 15.00 | Speaker Laqgha Anzjani |
| Marija Meilaq | n/a | 20/05/10 | 15.00 | Speaker Laqgha Anzjani |
| Dr. Bernard Cardona | n/a | 22/04/10 | 15.00 | Speaker Laqgha Anzjani |
| Emmanuel Galea | 7 | 08/05/10 | 70.00 | Transport NightFest |
| Golden Lion petrol station | various | 08/05/10 | 580.83 | fuel generators Night Fest |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **29,724.73** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **59,941.82** | |

4.2. Is-Segretarju Ezekuttiv qassam lill-Kunsilliera skeda dwar id-dhul tal-Kunsill ghall-perijodu ta’ bejn Jannar u Mejju 2010. Huwa spjega din l-iskeda.

4.3. Il-Kunsillier Rosario Cortis irringrazzja lis-segretarju tal-iskeda dwar id-dhul. Huwa talab iktar informazzjoni dwar il-pagament tal-perit u l-ispejjez relatati mal-LES. Is-segretarju ezekuttiv wiegeb li l-pagament tal-perit kien relatat mas-survey li sar fuq Vjal il-Helsien sabiex tigi prezentata stima lill-Onor. Chris Said filwaqt li rigward il-pagamenti tal-LES huwa kien qieghed jipprepara skeda sabiex il-Kunsilliera jkunu jistaw iqabblu l-ispejjez mad-dhul tas-sistema.

4.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li l-Kunsill m’ ghandux ihares lejn id-dhul tal-LES bhala qliegh ghall-Kunsill.

4.5. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li wiehed irid inehhi minn rasu li l-kunsill fil-pjanijiet tieghu qieghed iserrah fuq il-pagamenti tal-LES. Is-Sindku kompla jghid li bir-riforma tas-sistema tal-LES, is-sistema se tkun bazata fuq sistema ta’ twissijiet u l-individwu jinghata citazzjoni biss meta jkun ga qala’ twissija ohra qabel. Is-Sindku kompla jghid li l-Kunsill ma kienx hemm biss ghal dawk l-erba’ persuni li joqghodu fil-pjazza jgergru fuq il-wardens

u jippretendu li jaghmlu li jridu imma wkoll ghal dik *is-silent majority* li tapprezza l-ordni u kuntenta bl-infurzar li qieghed isir.

4.6. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li jaqbel mas-Sindku imma jemmen li dawn il-persuni li japprezzaw l-isforzi tal-Kunsill f' dan il-qasam ghandhom jghidu dan b' mod iktar apert u jappogjaw lil Kunsill.

4.7. Il-Kunsillier Joe Ciantar dahal lura ghal-laqgha fit-8.15 ta' filghaxija.

4.8. Is-Sindku Alfred Grixti talab li mal-vot ta' flus jizdied pagament ta' €60 lis-sur Victor Vella ghal xi spejjez relatati mal-harga tal-anzjani ghal Ghawdex. Is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tigi approvata hekk kif prezentata flimkien mal-pagament tas-sur Vella. Huwa gie sekondat mill-kunsillier Rosario Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

L-iskeda tal-pagamenti gew approvati. (46)

4.9. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq talba li saritlu quddiem il-Kunsill sabiex jiffinanzja l-kors tal-ECDL ghal xi persuni li xtaqu jaghmlu dan il-kors sabiex javvanzaw professjonalment. Is-Sindku spjega li dan kien qieghed isir minhabba li bhalissa l-Kunsill ma kienx qieghed jipprovdi dan is-servizz. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li anke l-mara tieghu ghamlet dan il-kors imma ma talbitx il-finanzjament tal-kunsill. Is-Segretarju spjega li bis-somma mitluba normalment isiru korsijiet ghal madwar mitt ruh. Gie deciz li din it-talba ma tintlaqax.

4.10. Il-Kunsillier Emanuel Agius ghamel referenza ghall-inizjattiva tal-internet café li kien beda jahdem fuqha. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li fuq din l-inizjattiva il-Kunsill kien ircieva direzzjoni cara mid-dipartiment. Il-Kunsillier Duncan Bartolo kkummenta li l-Gvern habbar servizz ta' wifi b' xejn fil-pjazzez tal-lokalitajiet u jekk il-kunsill kien se jibbenefika minnha ma kienx hemm bzonn ta' internet cafés. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li kien se jehel aerial fuq is-saqaf tal-librerija.

## 5. TRIQ IL-BUSKETT

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill bl-izviluppi li kien hemm rigward laqgha li saret ma' rapprezentanti tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma

rigward triq il-Buskett u li ghaliha attendew ukoll il-Vici Sindku Dominic Cutajar u l-Kunsillier Rosario Cortis. Is-Sindku spjega li matul din il-laqgha il-Kunsill rega sahaq li ma kienx se jhallas l-bdil tal-mains tal-ilma u lanqas ghas-sistema ta' sewage fit-triq. Is-Sindku kompla jghid li l-korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma matul din il-laqgha uriet li kienet disposta li taghmel a spejjez taghha s-sistema tas-sewage, izda dwar dan kien hemm bzonn konferma tac-chairman. Is-Sindku spjega li kien ser izomm kuntatt mal-Inginjier Curmi fil-granet ta' wara.

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien qieghed jissuggerixxi li l-Kunsill jibda x-xoghol wara l-festa minn naha tac-cimiterju sal-caritas. F' din il-bicca la kien hemm bzonn mains, la sewage u lanqas tqaxxir u hekk il-Kunsill juri liz-Zebbugin li l-progett kien wiehed konkret. Kien hemm qbil dwar dan.

5.3. Il-Kunsillier Mario Borg ikkummenta li jekk il-Kunsill ma jibqax ghaddej bix-xoghol kien se jehel.

5.4. Il-Kunsillier Mario Borg talab li jkun skuzat. Huwa telaq fit-8.30pm.

5.5. Il-Kunsillier George Cortis talab li jkun skuzat. Huwa telaq fit-8.35pm.

5.6. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li l-Kunsill ghandu jinforma lir-residenti b' dak li qieghed jigri fuq dan il-kaz billi jxerred il-kelma b' mod sistematiku.

5.7. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kien awtorizza lill-kuntrattur Raymond Calleja li jaghmel patching fir-rampa li taghti ghal karma tan-nar u juza l-istess materjal sabiex jimla l-hofor il-kbar ta' triq il-buskett.

## 6. REGOLAMENTI MONTI U GABBANI

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti ghamel referenza ghal laqgha li saret maz-Zebbug Business Association fejn gie nnutat li minn pubblikazzjoni ta' avviz legali ghal iehor kien zdiedu l-granet u l-hinijiet ta' meta jarma l-monti gewwa Haz-Zebbug. Is-Sindku spjgea li dan sar minghajr konsultazzjoni mal-Kunsill. Is-Sindku kompla jghid li fid-dawl ta' dan kienet se ssir laqgha mal-Onor Chris Said u l-Onor Jason Azzopardi dwar is-suggett nhar it-22 ta' Gunju.

6.2. Is-Sindku spjega li l-istess problemi relatati mal-monti kienu qed jinholqu mal-gabbani u l-kiosks tal-festa fejn dawn kien qeghdin ihallu hafna hsara u hmieg. Is-Sindku spjega li fid-dawl ta' dan huwa kien fassal sett ta' kundizzjonijiet li jinkludu fees u depozitu fuq l-indafa. Is-Sindku spjega li dawn il-fees kienu se jintuzaw biex l-Kunsill jigbor il-flus tal-ispejjez extra relatati mat-tindif u sorveljar ta' dawn il-kiosks.

## 7. FESTA SAN FILEP

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li f' okkazjoni tal-festa ta' San Filep kien se jinhareg edizzjoni specjali tal-fuljett fejn se jkun hemm messag tal-arcipriet, u l-presidenti taz-zewg socjetajiet flimkien ma' programm komplut tal-attivitajiet kollha tal-festa kemm tal-knisja kif ukoll taz-zewg kazini. Huwa spjega wkoll li kien se jorganizza bibita zghira ta' l-okkazjoni ghal-ghaqdiet kollha.

## 8. ZONA TA' HAL MULA

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jekk wiehed idur dawra ma' Hal Mula wiehed seta' jinnota hafna zdingar u telqa u dan kien dnub meta tqis il-flejjes li gew investiti f' dan il-post minn Kunsilli precedenti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien se jdur dawra flimkien mal-kuntratturi sabiex jaraw x' hemm bzonn isir, filwaqt li se jkellem ukoll lill-perit sabiex jippreparaw proposta sabiex il-Kunsill japplika ghal fondi taht l-Urban Improvement Fund.

8.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li meta kien Sindku hu kien hemm zoni ta' Hal Mula fejn ir-residenti stess kienu jiehdu hsieb tas-soft areas ta' hdejhom.

## 9. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA IMPORTANTI

9.1. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab lis-segretarju sabiex jipprepara skeda dwar is-suggetti diskussi fil-kunsill u f' xiex kien wasal ix-xoghol fuqhom. Is-segretarju talab ftit zmien sabiex ikun jista jipprepara dan il-materjal.

9.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab li jkun jaf meta se jitqassmu l-boroz tal-Greenpak. Is-segretarju wiegeb li dawn kienu ha jibdew jitqassmu fil-gimghat li gejjin.

9.3. Il-Kunsillier Rosario Cortis talab li jkun jaf meta kienu se johorgu t-tenders li kien hemm pendenti. Is-segretarju wiegeb li fil-gimghat li gejjin kien se jiltaqa' l-kumitat tat-tenders sabiex jiddiskuti l-kundizzjonijiet taghhom u wara jinhargu t-tenders.

9.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq suggeriment sabiex il-kunsilliera jaghmlu azzjoni ta' protesta rigward il-problema tal-hrug minn Haz-Zebbug. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsilliera jaqbdu stop signs u joqghodu hdejn il-Bieb de Rohan u jghinu lis-sewwieqa johorgu minn Vjal il-Helsien.

## 10. AGGORNAMENT

10.1 Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 1 ta’ Lulju fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fl-9.35pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |